# APPREZZAMENT

B'Tifkira:
**L-IMĦALLEF ANTHONY J. MONTANARO GAUCI** CBE. KGSM. CSJ. KSG. LLD.
Rabti Pawlin li għamlilna unur.



Nhar il- Ħadd 24 t'Awissu 1997 wasslitilna l-aħbar, li sewdet qalb ir-Rabtin Pawlini kollha, li kien għadu kif miet l-Imħallef Montanaro Gauci, President Onorarju tal-Każin San Pawl, Banda Konti Ruġġieru u ex-President tal- Kumitat Kolleġjata San Pawl Rabat li ħadem biex fost affarijiet oħra l-Grotta għażiża ta' San Pawl u l-Kulleġġ jerġgħu jgħaddu lura lill-Parrocca ta' San Pawl f'amalgamiżżazzjoni ta'Kolleġjata.

L-Imħallef Anthony Jos. Montanaro Gauci twieled ir-Rabat fit-12 ta'Ġunju 1898. Il-familja tiegħu kienet waħda qrib ħafna tal-Każin San Pawl u l-Parrocca tant li missieru l-Avukat (aktar tard Imħallef), Annetto Montanaro kien Segretarju u aktar tard sar Vici President tal-Każin San Pawl fl-1889 u rari kien ifalli seduta tal-kumitat. L-Imħallef Montanaro Gauci studja il-Liceo u fl-Universita' ta' Malta fejn iggradwa bħala avukat fl-1922. Fl-1924 ħareg l-ewwel darba għal politika mal-Constitutional Party (ta' Strickland), iżda ma telgħax. Fl-1927 ġie elett u mill-ewwel ġie mogħti l-kariga l-ewwel ta' deputy speaker imbagħad ta' speaker, kariga li baqa' jżomm sa l-1930. Fl-1930 irtira mill-politika u ġie maħtur Imħallef. Rigward iż-żmien li għamel bħala imħallef nippreferu kieku niġbru kollox f' sentenza waħda li kiteb Dr. Herbert Ganado fil-ktieb Rajt Malta Tinbidel meta iddiskrevieh bħala "bniedem ta' kuxjenza u kuraġġus". Jekk imbagħad taqra il-kapitlu kollhu li fih qiegħda l-imsemmija kwotazzjoni żgur li waħdek tasal għall-istess konklużjoni.

Bejn l-1943 u l-1958 lil Imħallef insibuh president jew membru ta' diversi bordijiet u kumitati kemm governattivi kif ukoll filantropici. Fost dawn insibuh bħala President tal-Emergency Compensation Board (1943-49) u tat-Tribunal tal-Arbitraġġ (1945-50). Ta' min jgħid li f'dan iż-żmien, fil-gwerra, l-Imħallef ġie joqgħod ir-Rabat flimkien mal-familja tiegħu f'nru 14 Waggon Str. Kien membru tas-Senat ta' l-Universita mill-1947 sal-1953. Fl-1951 ġie maħtur president tas-Socjeta tal-Arti Manifattura u Kummerc, kariga li baqa jokkupa sal-1960. Kien ukoll president taż-żewġ kumitati li nħatru fl-okkażjoni ta' l-inkurunazzjoni tar-Reġina Elizabetta (1953) u dak taż-żjara ta' l-istess reġina f'Malta (1954). Fis-snin tmenin inħatar ukoll għal żmien qasir bħala Aġent President tar-Repubblika. Fl-1954 inħatar bħala kmandant tal- Order of the British Empire u aktar tard kmandant ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm. Kien ukoll kavallier ta' l-Ordni ta' Malta. Fl-1933 l-Imħallef Montanaro Gauci iżżewweġ lil Agnes Vella u kellhom sitt itfal, Gerald, Alfred, Neville, Winston, Nicolette u Marie-Jose.



*L-Imħallef Montanaro Gauci jilqa' fil-Każin lil ex-President Dr. Anton Buttiġieġ fl-1978.*

Għalkemm l-Imħallef ma' baqax joqgħod ir-Rabat żamm kuntatt sħiħ ma dak kollu li kellu x'jaqsam mal-Proto Parrocca ta' raħal twelidu u l-Każin San Pawl. Kien għalhekk li meta r-Rabtin iddecidew li jaħtru kumitat biex jorganiżża il-festi centinarji Pawlini tal-1960 dehrilhom li l-aħjar persuna li setgħet tipresiedi dan il-kumitat kellha tkun dik ta'l-Imħallef stess. Dan il-kumitat kif nafu ħadem bis-sħiħ biex kellna il-festi kbar li għadhom jissemmew sallum. Fl-istess sena seħħet ukoll il-mewt tan-Nutar Francesco Catania President Onorarju tal-Każin San Pawl Banda Konti Ruġġieru. Il-kumitat tal-Każin ħass li minfloku għandu jaħtar lill-Imħallef li laqgħa din it-talba b'entużjażmu kbir. Dan baqa' jurih sakemm miet. Fil-fatt dejjem attenda għall-attivitajiet l-aktar importanti tal-Każin u l-Banda. L-aħħar darba li rajnieh jagħmel dan kien fl-okkazjoni tal-125 sena mit-twaqqif tal-banda fl-1994 fejn fl-eta' ta' 96 sena attenda għall-programm strumentali li l-Banda Konti Ruġġieru għamlet fil-bitħa ta'l-iskola primarja tar-Rabat.

Fl-1957 l-Imħallef ġie mistieden biex jokkupa l-kariga ta' President tal-Kumitat Kolleġjata San Pawl, Rabat. Dan il-kumitat inħoloq bl-għan li "l-Venerabbli Grotta ta' San Pawl... tiġi amalgamata mal-Proto Parrocca ta' San Pawl tar-Rabat ta'Malta kif kienet sas-sena 1610 u biex il-quddiem... tkun tista tiġi elevata ... għad- dinjita' ta' Kolleġjata..." l-Imħallef laqgħa bil-ferħ din l-istedina u fil-fatt nafu li kien strumentali biex dan seta jseħħ u għadna ngawdu l-frott tiegħu sallum. (ara Il-Festi Taghna Ghadd 3, 1979). Dan l-istess kumitat iddecieda aktar tard li bħala tifkira tal-ħidma li wettaq l-Imħallef f'dan il-kumitat jirregala lil Każin San Pawl pittura tas-Sinjurija Tiegħu li wieħed għadu jista jarah sallum fis-sala principali tal-każin. Dan il-kwadru ġie rregalat lil każin nhar il-Ħadd 20 t'April, 1969.

L-aħħar attivita li nistgħu ngħidu ħa sehem attiv fiha kienet is-serata musico- letterarja li saret fil-Knisja ta' San Pawl il-Ħadd 1 ta'Dicembru 1974 taħt il-patrocinju ta' l-Arcisqof Gonzi bħala parti mill-festi ta' ringrazzjament li saru fl-okkażjoni tal-50 anniversarju minn meta iġġarfet il-koppla ta' San Pawl u għal ħniena t'Alla ma weġġa ħadd. F'din is-serata l-Imħallef Montanaro għamel diskors imqanqal bl-isem ta' Ġrajja ta' Ħamsin Sena Ilu. Ser nirriproducu sentenza waħda biss minn dan id-diskors, li iżda, turi ftit minn dak li ħass l-imħallef bħala Rabti f'din l-okkażjoni imsemmija: "Nifirħu għalhekk aħna r-Rabtin u, magħna l-Maltin kollha, b'din il-grazzja li tana Alla L-Imbierek, u rroddulu ħajr talli meta ġrat id-disgrazzja ħadd ma miet u ħadd ma weġġa', u l-knisja reġgħet inbniet u saret isbaħ u aktar dinjituża minn qabel...J'Alla r-Rabtin kollha ikunu jistgħu jgħidu dejjem dak li San Pawl qal għalih innifsu lil Timotju: "Fidem Servavi", "Żammejt il-Fidi." Aħna ċerti li ta' dan l-Imħallef Anthony Montanaro Gauci kien xhieda ħajja sal-mewt.